# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 308/01mm**

**Domenic u Evangelista konjugi Bonnet**

**vs**

**Josette Ben Miloud**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm653.00) jew somma verjuri, bilanc dovut minn somma akbar mislufa lill-konvenuta mill-atturi

skond skrittura datata 28 ta’ Novembru, tas-sena 1999, (immarkata bhala Dok. DB 1).

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-13 ta’ Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.